MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 345/15LM

**Daniel Caruana Lupi (K.I. 89492M)**

***vs.***

**Francesca Tonna (K.I. 254792M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-16 ta' April, 2015 mill-attur **Daniel Caruana Lupi** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi, fis-27 ta' Ottubru, 2012, waqt li r-rikorrenti kien qiegħed riekeb bħala passiġġier, fil-vettura li ġġib in-numru SUE 555, li kienet misjuqa mill-intimata, sofra diżabilità permanenti fuq persuntu, apparti danni materjali oħra, u dan meta l-istess intimata tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha u baqgħet dieħla ġol-roundabout u bażi ta' billboard tas-siment.*

2. *Illi ir-rikorrenti ġie eżaminat minn Mr Francis X. Darmanin u ġie ċertifikat li qed ibati minn diżabilità permanenti fil-grad ta' sebgħa fil-mija (7%) ta' persuntu – u dan skont iċ-ċertifikat li kopja tiegħu huwa hawn anness u markat Dokument "A".*[1]

3. *Illi t-trattattivi għal soluzzjoni bonarja tal-vertenza ma wasslet għalxejn billi l-ammont offrut bla preġudizzju mis-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. ma kienx idoneu u allura inaċċettabbli għar-rikorrenti.*

4. *Illi dan l-inċident ġara minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza, non-kuranza, nuqqas ta' ħila fis-sewqan ta' vettura da parte tal-intimata billi din tilfet il-kontroll tagħha u baqgħet dieħla ġor-roundabout u bażi ta' billboard tas-siment, mingħajr ebda skużanti.*

5. *Tgħid għalhekk l-intimata, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa skond il-liġi, għaliex din il-Qorti ma għandhiex [1] tiddikjaraha responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri minħabba li ġara b'riżultat ta' traskuraġni, imperizja, negliġenza, non-kuranza, nuqqas ta' ħila fis-sewqan tagħha, [2] jiġu likwidati id-danni sofferti mir-rikorrenti u dan jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi, [3] tikkundannaha tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti – kollox skont kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

6. *Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' seba' skambji mas-soċjetà assiguratriċi tal-intimata kif ukoll tal-ittra uffiċjali preżentata kontra s-soċjetà assiguratriċi Citadel Insurance p.l.c. kontestwalment mal-preżenti.*

7. *L-intimata minn issa tibqa' inġunta għas-subizzjoni tagħha.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Francesca Tonna** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-1 ta' Lulju, 2015, li biha eċċepiet:

1) *Illi l-eċċipjenti mhix responsabbli għal kwalunkwe danni allegati mill-attur, li del resto għandhom jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-Liġi.*

[1] *A fol.* 3 tal-proċess – *"residual scarring on the left eyebrow (5%), right hand (2%) and right leg (0%): total 7%".*

2) *Illi l-eċċipjenti toġġezzjona għat-tielet premessa fejn jissemma trattattivi mingħajr preġudizzju, u miżmuma mill-attur ma' terzi mhux parti mill-kawża, u tirriżerva li titlob l-isfilz ta' dik il-premessa;*

3) *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ biss illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' it-talbiet attriċi, kwalunkwe imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tas-Sentenza, l-eċċipjenti m'għandhiex tħallas l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali mibgħuta lil terzi, u l-ispejjeż għandhom jiġu limitati għal dawk ġudizzjarji u mhux dawk extra ġudizzjarji wkoll.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2017 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet hija dwar ir-responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur meta fis-27 ta' Ottubru, 2012 kien passiġġier fil-vettura bir-reġistrazzjoni SUE 555 misjuqha mill-konvenuta li ħabtet ma' *roundabout* u baqgħet dieħla ġol-bażi tal-konkrit ta' *billboard.* L-attur isostni li dan l-inċident seħħ minħabba traskuraġni u nuqqas ta' ħila fis-sewqan tal-konvenuta li tilfet il-kontroll tal-vettura minħabba l-veloċità li biha kienet nieżla t-Triq tas-Saqqajja, ir-Rabat. Il-konvenuta min-naħa tagħha tikkontendi li hi m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-inċident li seħħ peress li fin-niżla ma ħadmux il-*brakes* tal-vettura tagħha fil-mument li kienet kważi waslet mar-*roundabout* u barra minn hekk tgħid ukoll illi l-attur ikkontribwixxa għad-danni sofferti minnu peress li ma kienx liebes *seatbelt.*

Parti oħra minn din il-vertenza bejn il-partijiet tittratta l-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni u partikolarment l-grad ta' diżabbilità sofferta minnu peress li l-espert inkarigat mill-attur iċċertifika diżabbilità permanenti ta' 7%, filwaqt li dak inkarigat mill-assigurazzjoni tal-konvenuta ċċertifika diżabbilità permanenti ta' 5%.

**<u>Provi u riżultanzi dwar ir-responsabbilità għall-inċident</u>**

L-attur, **Daniel Caruana Lupi**[2] xehed li dakinhar tal-inċident kien riekeb bħala passiġġier fil-vettura tal-konvenuta bin-numru ta' reġistrazzjoni SUE 555. Hu kien bilqiegħda fuq is-*seat* ta' wara fuq in-naħa tax-xellug. Bħala passiġġier fuq

[2] Affidavit *a fol.* 23 u 24 u xhieda *viva-voce a fol.* 93 sa 97.

in-naħa ta' quddiem kien hemm Jamie Ian Genovese. Huma kienu ġejjin min-naħa tas-Saqqaja f'xis-siegħa ta' filgħodu fejn marru jiddevertu. L-attur jgħid li l-attriċi kienet xorbot bejn tazza inbid jew tnejn. L-attur jgħid li hu għandu esperjenza ta' sewqan għax qabel l-inċident kien ilu isuq tliet snin kuljum. Daniel Caruna Lupi jgħid li jiftakar li eżatt qabel l-inċident ħass li l-konvenuta kienet qed issuq għan-niżla b'veloċità mhux prudenti u qalilha biex tnaqqas l-i*speed.* L-attur jgħid li ma jafx kif il-konvenuta tilfet il-kontroll u baqgħet dieħla f'*roundabout* u ġo bażi tal-konkos ta' *billboard*. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet f'sensiha meta seħħ l-inċident u li hu ma kien jaħti xejn tal-inċident u kien biss tort tagħha.

In kontroeżami l-attur jgħid[3] li hu kien mar ir-Rabat mal-konvenuta bil-karozza tagħha. Fi triqithom lura eżatt qabel l-inċident, Jamie Genovese kien fis-*seat* ta' quddiem, imġenneb qed ikellem lill-attur li kien warajh fuq in-naħa tax-xellug, ftit 'il quddiem. L-attur ma kienx qed jagħti każ is-sewqan tal-konvenuta, ħlief li qalilha biex tnaqqas l-i*speed.* L-attur jammetti li ma kienx jaf b'liema *speed* kienet nieżla l-konvenuta jew jekk kinitx nieżla *free,* però għalkemm kien qed ikellem lil Genovese, ħass li l-konvenuta kienet qed issuq bi *speed* qawwi għan-niżla. Meta l-attur qal lill-konvenuta biex tnaqqas l-*ispeed,* kienu f'nofs in-niżla u kien jaf li aktar 'l isfel kien hemm ir-*roundabout.* Daniel Caruana Lupi jgħid li fil-punt tal-ħabta kien dahru mas-*seat,* u ma kienx għadu ftit 'il quddiem, iżda jammetta li ma kellux *seatbelt.* Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud jgħid li kien ipprova jilbes is-*seatbelt*, iżda ma setax għax is-*seatbelt* kien wara s-*seat.*

[3] *A fol.* 44 sa 49.

Ix-xhud **Teresa Perry**[4] flimkien ma' sħabha, inkluż l-attur u l-konvenuta, kienu ir-Rabat jiċċelebraw il-*farewell* tagħha mix-xogħol. Ix-xhud tgħid illi ma ratx l-inċident iseħħ imma hekk kif waslet fejn ir-*roundabout* li hemm fin-niżla tat-triq li tagħti mir-Rabat għal Ħ'Attard, indunat li kien hemm il-karozza tal-konvenuta maħbuta, wieqfa fejn ir-*roundabout*. Ix-xhud tgħid li l-vettura tal-konvenuta kellha ħsarat fuq in-naħa ta' quddiem u kienet maħbuta mal-bażi tal-konkos ta' *billboard* li kien hemm fir-*roundabout.* Ix-xhud rat lill-attur u lil Jamie Genovese barra mill-karozza u lill-konvenuta bilqiegħda fil-karozza.

Ix-xhud **Jamie Genovese**[5] jgħid illi dak iż-żmien tal-inċident kien għadu beda jitgħallem isuq u ma kienx għad għandu liċenzja tas-sewqan. Però jaf li l-konvenuta kienet qed isuq b'madwar sittin kph għax kultant beda iħares lejn l-arloġġ tal-vettura. Ix-xhud jgħid ukoll li fil-*wine bar* fejn kienu qabel, il-konvenuta ma kinitx qed tixrob għax kienet taf li wara kellha issuq u twassal lilu u lill-attur ukoll. Ix-xhud jgħid li kien rikeb fis-*seat* ta' quddiem iħares laġenba f'diskussjoni mal-attur u l-konvenuta u kif waslu viċin ir-*roundabout* raha tipprova tagħfas il-pedala li ma kinitx qed tobdiha, u l-attur għajjat "Frans *stop".* Ix-xhud jgħid li l-konvenuta biex tevita ir-*roundabout* dawret il-vettura lejn ix-xellug, skiddjat u laqtet il-bankina tar-*roundabout* u spiċċat fil-bażi tal-*concrete* tal-*billboard* fuq ix-xellug, bil-vettura mdaħħla fiha.

Il-konvenuta **Francesca Tonna**[6] kkonfermat li kienu marru r-Rabat fid-disgħa ta' filgħaxija jiċċelebraw *farewell* ta' kollega tagħhom tal-iskola fejn kienu jgħallmu l-Ingliż lil studenti barranin. Kienu marru f'*wine bar* fejn qalet li kielu *platters,* iżda hi dakinhar ma kinitx xorbot ħlief tazza waħda inbid meta

---

[4] Affidavit *a fol.* 38.
[5] Affidavit *a fol.* 41 u 42.
[6] Affidavit *a fol.* 51 u 52.

għamlu *toast.* Kienu marru wkoll mixja mad-dawra tal-Imdina. Fi triqithom lura f'xis-siegħa ta' filgħodu, il-konvenuta tgħid li n-niżla tas-Saqqajja niżlitha *free* u meta waslet fil-parti dritta qabel ir-*roundabout,* għafset il-*brakes* biex kif tasal mar-*roundabout* tkun tista' tieqaf jew tkompli skont jekk ikunux ġejjin vetturi oħra, però ma ħadmulhiex il-*brakes.* Il-konvenuta tgħid li kienet nieżla bejn 30 u 40 mil fis-siegħa. L-attur kien fuq is-*seat* ta' wara u Jamie Genovese quddiem, laġenba jitħaddet miegħu. Francesca Tonna tgħid li hi kienet qed tħares bid-dritt. Meta indunat li l-*brakes* ma kinux qed jaħdmu u li kienet dieħla dritt fir-*roundabout,* ippruvat iddawwar fuq ix-xellug u kważi evitat ir-*roundabout* għax ħabtet il-bankina fit-tarf tagħha, iżda daħlet fil-bażi ta' *billboard.* Il-konvenuta tgħid illi filwaqt li hi u Genovese kellhom is-*seatbelts,* l-attur ma kienx libes *seatbelt*. Francesca Tonna issemmi li darba wara l-inċident kienet kellmet lill-attur u dan qalilha li s-soltu dejjem jilbes *seatbelt,* iżda ma jafx għaliex dak il-lejl tal-inċident ma libsusx.

Il-konvenuta ssostni li l-attur ma kienx qed jgħid il-verità meta qal li ma jafx x'ġara, għax ċerta li kien jaf li dakinhar il-*brakes* ma żammewx. Il-konvenuta tgħid li qabel l-inċident il-*brakes* kienu jaħdmu tajjeb u qalet li għamlet l-unika manuvra evażiva li setgħet tagħmel meta ma ħadmux il-*brakes* u li hi ma kellhiex tort.

Meta xehdet in kontroeżami[7], il-konvenuta qalet li kienet ilha xi sena ssuq b'mod regolari qabel l-inċident. Mistoqsija għaliex kienet nieżla *free* u mhux *on engine brake,* il-konvenuta tgħid li hi dejjem kienet tagħmel hekk f'niżla, iżda ma tafx ir-raġuni għaliex. Francesca Tonna tgħid li f'dik in-niżla l-i*speed limit* kien sittin kph. Il-konvenuta ġiet imfakkra li dakinhar tal-inċident kienet

[7] *A fol.* 54 sa 56.

għada kif għamlet l-ewwel xita wara s-Sajf u t-triq kienet tiżloq ftit, allura ġiet mistoqsija kif f'dawk il-kundizzjonijiet ma kinitx nieżla fuq l-*engine brake.* Hija wieġbet li ma kienx hemm bżonn u ttentat tagħfas il-*brakes* meta kienet fil-parti d-dritta tat-triq, xi darba u nofs it-tul tal-awla 'l bogħod mir-*roundabout,* imma l-*brakes* ma ħadmux. Il-konvenuta kkonfermat li bil-ħabta ħarġu iż-żewġ *airbags*.

**Provi u kostatazzjonijiet dwar danni sofferti mill-attur**

(i) *Damnum emergens:*

Fix-xhieda tiegħu l-attur **Daniel Caruana Lupi** jgħid[8] li b'konsegwenza tal-inċident il-ġlekk li kellu fuqu iċċappas bid-demm u ħadu darbtejn id-*drycleaners*[9] fejn nefaq madwar €7, imma qal li xorta ma setgħux inaddfuh u esebixxa dikjarazzjoni ta' David Schembri, *administrative manager* tal-istabbiliment Dorkins li l-ġlekk kien jiswa €150 u kien ġie mixtri mill-ħanut Topman f'tas-Sliema.[10] L-attur esebixxa r-riċetta tal-antibijotiċi Augmentin datata l-istess ġurnata tal-inċident[11] u li kienu jiswew €19.98 u pakkett tal-*iscar cream* Dermatix[12], li kien jiswa €57.01, kif ukoll l-fattura tal-ispeċjalista Mr Francis X. Darmanin[13] u *hospital fees* għal total ta' €55, li fuqha kellha miktub il-kelma *paid.*

[8] Affidavit *a fol.* 24.
[9] Ara dokumenti ta' Portughes *drycleaners a fol.* 29 u 31.
[10] *A fol.* 27.
[11] *A fol.* 26 u *a fol.* 28 kopja tal-pakkett tal-Augmentin bil-prezz fuqu.
[12] *A fol.* 32.
[13] *A fol.* 30.

In kontroeżami l-attur qal li kienet l-assigurazzjoni tal-konvenuta, Citadel Insurance, li kkuntatjatu l-ewwel biex jaraw xi spejjeż kellu u għall-bidu kien talabhom biss għall-ġakketta u l-mediċina.

*(ii) Lucrum cessans:*

Mar-Rikors Maħluf, l-attur **Daniel Caruana Lupi** ppreżenta ċertifikat mediku ta' Mr Francis X. Darmanin, speċjalizzat fil-*plastic, reconstructive* u *cosmetic surgery*[14]*.* Dan ir-rapport datat 24 ta' Jannar, 2014 jgħid:

> *"He sustained laceration to his left eyebrow,...on right hand and right leg.*
>
> *The scar on his hand can be improved surgically. However the scar on the eyebrow will always show as the scar does not bear any hair.*
>
> *The percentage disability for residual scarring on the left eyebrow (5%), right hand (2%) and right leg (0%) is 7% in total (seven percent)."*

Mix-xhieda ta' **Jamie Genovese** jirriżulta li hekk kif seħħ l-inċident, l-attur ħareġ imweġġa' mill-vettura tal-konvenuta, kellu d-demm ma' wiċċu u kien qisu "*dazed",* jirrepeti kif ġara l-inċident aktar minn darba u ma kienx qed jikkomporta ruħu b'mod normali.

Min-naħa tagħha l-konvenuta **Francesca Tonna** ppreżentat rapport[15] li sar fuq inkarigu tal-assigurazzjoni tagħha Citadel Insurance, datat 11 ta' Mejju, 2014

[14] *A fol.* 3 u *a fol.* 25. Fl-udjenza tat-30.11.2015 il-kontroparti qablet li ma kinitx meħtieġa li tinġieb l-aħjar prova għar-rigward tal-awtentiċità taċ-ċertifikat.
[15] *A fol.* 59 u 60. Fl-udjenza tat-22.09.2016 il-kontroparti qablet li ma kinitx meħtieġa li tinġieb l-aħjar prova għar-rigward tal-awtentiċità taċ-ċertifikat.

mill-konsulent Mr Joseph E. Briffa, speċjalizzat ukoll fil-*plastic* u *reconstructive surgery.* L-eżami fuq l-attur sar fil-5 ta' Mejju, 2014 u nstab li l-attur kellu:

*"1. A 2.5 centimetre long by 0.3 centimetre wide mature scar over the anteromedial aspect of the right ankle.*

*2. An 8.0 cm. long x 1.0 cm. wide, mature, vertical scar over the subcutaneous border of the right tibia. This appears to have been caused by a very deep abrasion rather than a laceration.*

*3. A 3.0 cm. x 2.0 cm. red atophic scarred area over the dorsum of the metacarpal of the right thumb.*

*4. A V-shaped laceration, with its apex pointing medially, at the medial end of the left eyebrow. Each limb of the scar is 1.0 cm. long with some hair loss in the eyebrow.*

*Sensation and movement in the face, right hand and right lower limb were all normal.*

***Conclusion:***

*All the scars noted above are permanent in nature. They cannot be removed in any way. It may be possible to revise the scar on the dorsum of the right first metacarpal in order to leave a linear scar instaed of a scarred patch. This may be done under local anaesthetic. The other scars would not be improved to any signaficant degree by any form of surgery.*

*The scar at the medial end of the left eyebrow has led to slight loss of hair in the affected area. This is visible due to its location. The scar on the right pretibial region would be noticeable when this gentleman wears shorts but would be hidden when wearing long trousers. The scar on the right ankle would likewise be invisibke when wearing socks.*

*On the basis of my clinical findings, it is my professional opinion that Mr. Caruana Lupi has sustained the following permanent disability:*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Scar anteromedial aspect of right ankle* | *0.5%* |
| *2.* | *Right pretibial scar* | *0.5%* |
| *3.* | *Scar over dorsum of right 1st. metacarpal* | *1.0%* |
| *4.* | *Left eyebrow scar with hair loss* | *3.0%* |
| | ***Total permanent disability*** | ***5.0%"*** |

L-attur Daniel Caruana Lupi ppreżenta kopja tal-kuntratt tax-xogħol indefinit tiegħu bħala *graphic designer* ma' Game Lounge Limited b'effett mill-1 ta' Settembru, 2016[16], bil-salarju *gross* ta' €2,000 fix-xahar u bil-kundizzjoni fost oħrajn, li ma jagħmilx xogħol ieħor kemm *full-time* jew *part-time* mingħajr il-kunsens tal-kumpannija. L-attur ippreżenta erba' *payslips*[17] għax-xhur Settembru sa Diċembru 2016, li juru approssimattivament paga *gross* ta' €2,000 fix-xahar u paga netta ta' bejn €1,500 u €1,900 fix-xahar. L-attur spjega li meta kien jattendi l-MCAST huwa attenda għal kors ta' erba' snin fil-*graphic design* u *interactive media* u ppreżenta kopja ta' ċertifikat[18] bħala gradwat BA (Hon) fil-*graphic design* u fl-*interactive media.* L-attur esebixxa wkoll il-*europass diploma supplement* tal-livell edukattiv u tal-kwalifiċi tiegħu.[19]

In kontroeżami l-attur ikkonferma[20] li qabel ma kien student l-MCAST kien jaħdem ma' Camilleri Paris Mode. Mill-MCAST kellu *grant* ta' €86 fix-xahar u ma' Camilleri Paris Mode kien jaqla' €7 fis-siegħa, fejn kien jaħdem *part-time* darba jew darbtejn fil-ġimgħa. Kien ilu hekk xi ħames snin u fil-fatt fid-data tal-inċident kien għadu student. Iżda ma' Camilleri Paris Mode peress li l-attur kien qed jagħmel il-proġett tal-MCAST magħhom, għall-bidu ma kienx jitħallas. Bejn l-2014 u l-2016 l-attur xorta baqa' student ma' Camilleri Paris Mode, imma beda jitħallas. Sussegwentement l-attur ikkorreġa ruħu[21] billi qal li meta kien student kien ukoll jaħdem ta' għalliem tal-Ingliż ma' Go English

[16] *A fol.* 62 sa 64.
[17] *A fol.* 83 sa 86.
[18] *A fol.* 87.
[19] *A fol.* 88 sa 91.
[20] *A fol.* 77 sa 79 u 95 sa 97.
[21] *A fol.* 93 sa 95.

School ta' Charisma Travel Limited, fejn ħadem f'Lulju u Awwissu tal-2012 fejn kellu bħala dħul €533.50 f'Lulju u €496.48 f'Awwissu.[22]

**Kunsiderazzjonijiet legali**

*(i) Responsabbilità għall-inċident:*

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, jirriżulta li l-attur ammetta li ma kienx liebes *seatbelt* fil-mument tal-inċident u jgħid li dan kien minħabba li ma setax jilbsu għax kien maqbud taħt is-*seat* ta' wara fejn kien bilqiegħda. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet qed issuq b'veloċità qawwija wisq għal dik in-niżla. Il-passiġġier l-ieħor, Jamie Genovese li kien fis-*seat* ta' quddiem u ra l-i*speedometer* tal-vettura, jgħid li l-attriċi ma kinitx qed issuq b'xi veloċità qawwija, iżda b'madwar 60 kph u kif waslet viċin ir-*roundabout* bdiet tgħafas il-pedala tal-*brakes* li ma bdietx tobdiha. Il-konvenuta tgħid li kienet qed issuq b'madwar 20 u 30 mil-fis-siegħa, li jiġu madwar 32 u 48 kph. Francesca Tonna ammettiet li kienet nieżla n-niżla *free* mhux *on engine brake.*

Il-Qorti tqis li dan mhux il-metodu korrett li wieħed isuq bih f'niżla pjuttost twila bħal tas-Saqqajja, liema metodu jwassal żgur biex vettura taċċellera b'veloċità ogħla milli stqarret l-attriċi u x'aktarx aktar qrib l-veloċità senjalata mill-passiġġier Jamie Genovese li kien quddiem laġenba f'diskussjoni mal-attur u l-konvenuta. Il-konvenuta tgħid li l-i*speed limit* fit-triq inkwistjoni huwa ta' 60 kph, iżda ammettiet ukoll li dakinhar kienet għada kif għamlet l-ewwel xita

[22] Ara *a fol.* 102.

wara s-Sajf u t-triq kienet pjuttost tiżloq. Għalkemm kienu ġejjin minn *wine bar,* ix-xhud Genovese jgħid li l-konvenuta ma xorbot xejn sa fejn jaf hu, għax kienet taf li wara kellha ssuq. L-attur jaħseb li xorbot biss tazza inbid jew tnejn, filwaqt li l-konvenuta tistqarr li xorbot biss tazza waħda bħala *toast* lill-mistiedna tal-*farewell party* fejn kienu.

Il-konvenuta qalet li l-*brakes* ma ħadmulhiex meta għafsithom darba, darbtejn, tlieta, kif kienet ser tasal għar-*roundabout* u Jamie Genovese osserva dan ukoll fl-aħħar sekondi qabel mal-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura biex tevita r-*roundabout.* Genovese jgħid li l-karozza skidjat. Il-konvenuta tgħid li meta kienet qed issuq aktar qabel, ma kien hemm ebda problemi fil-*brakes.* Però min-naħa l-oħra l-konvenuta ma ressqet ebda provi li juru li wara l-inċident kienet ħadet il-vettura tagħha għand xi *mechanic* li vverifika li kien hemm xi difett fil-*brakes.* Ladarba hija l-konvenuta li qed issostni li kien hemm ħsarat fis-sistema tal-*brakes*, strettament din il-prova kienet tispetta lilha biex tkun tista' teżenta ruħha minn kull responsabbilità. Il-konvenuta mhux biss m'għamlitx din il-prova iżda naqset ukoll tressaq il-prova ċirkostanzjali li kienet tagħmel regolarment il-manutenzjoni tal-vettura tagħha.

Tqis li l-*brakes* ma żammewx proprju għax bil-mod kif il-konvenuta kienet nieżla *free* bil-vettura tagħha meta kienet taf li kienet għadha kif għamlet l-ewwel xita tal-istaġun u t-triq kienet tiżloq, hija kienet qiegħda ċertament issuq b'mod inkonsult u traskurat.

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Pace *et vs.* Antoine Bartolo *et***[23]:

> "Iżda l-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dana l-każ, u minħabba l-fatturi ambjentali, l-i*speed* li kien għaddej bih tar-Renault ma kienx prudenti u kien hemm *self inflicted incapacity* li wasslet biex is-sewqan tiegħu kkontribwixxa u aggrava l-inċident:
>
> "*Speed* jista jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument." **App. Krim. Pul. vs R. Bugeja**, 30.06.1962.""

Il-Qorti hija tal-fehma li l-ispeed eċċessiv kien proprju l-kaġun tal-inċident inkwistjoni. Il-konvenuta diġà kienet qed tagħmel manuvra inkonsulta li f'niżla pjuttost twila tinżel *free,* ċjoè bil-*gear* newtrali u *clutch* magħfus, li tista' ġġib kull sewwieq fi problema jekk isib ruħu f'emerġenza biex jieqaf f'daqqa. Però n-nuqqas ta' prudenza tal-konvenuta taċċentwa ruħha aktar u aktar meta hija kienet nieżla *free* f'niżla pjuttost qawwija u meta kienet għadha kif għamlet l-ewwel xita tal-istaġun u għalhekk l-art kienet tiżloq. Il-*Highway Code*[24] jgħallem li:

> "278. Qatt m'għandek issuq b'ċerta veloċità hekk li ma jkollokx ħin biżżejjed biex twaqqaf sa tul id-distanza ħielsa li tista' tara quddiemek. Ftakar li l-viżibilità tiegħek tonqos fil-kantunieri u fuq il-quċċata ta' għoljiet u li d-distanza li fiha tieqaf hija itwal ghan-niżla jew meta t-triq tkun imxarrba jew tiżloq."

Ċertament l-inċident inkwistjoni ma seħħx għaliex l-art kienet imxarba. Wara l-vettura tal-konvenuta saqu diversi vetturi oħrajn, inkluża dik tax-xhud Teresa Parry u ma kien hemm xejn fit-triq li ġiegħel il-vetturi li kienu nieżlin mill-istess

[23] Q.A, 25.09.2006.

[24] http://www.transport.gov.mt/admin/uploads/media-library/files/Highway%20Code%20MT.pdf_20130927083158.pdf.

triq b'mod korrett, li jiskiddjaw. Fil-każ tal-konvenuta, bil-mod kif niżlet in-niżla *free* kif qalet li dejjem kienet tagħmel, kien diġà *per se* sewqan inkonsult. Iktar u iktar f'dawk il-kundizzjonijiet u b'veloċità f'dawk iċ-ċirkostanzi relattivament ogħla milli suppost, anke jekk forsi ma kinitx tiskorri l-limiti regolamentari, ġabuha fi stat ta' impossibilità li tevita l-ħabta. Illi għalhekk għal dik li hija r-responsabbilità għall-ħabta ma kkontribwixxa l-ebda fattur li ma kienx fil-kontroll tas-sewwieqa. Ir-responsabbilità għall-akkadut kien unikament tal-konvenuta.

Illi l-inċident *de quo* kien ir-raġuni ewlienija għalfejn l-attur li kien fis-*seat* ta' wara fuq in-naħa tax-xellug, sofra d-danni. Kien hemm ukoll raġuni oħra li sa ċertu punt kienet determinanti għad-danni sofferti mill-attur, u din kien il-fatt mhux kontestat li l-attur għażel li jivvjaġġa fuq wara tal-vettura tal-konvenuta mingħajr ma kien liebes is-*seatbelt.* L-attur jgħid li ma setax jilbes is-*seat belt* għax "ma stajtx nilbsu għax kien wara s-*seat."* Ma jgħidx li ma kienx hemm *seatbelt,* iżda li s-*seatbelt* kien wara s-*seat.* L-attur għażel li ma jagħmilx sforz żgħir biex jiġbed is-*seatbelt* minn wara s-*seat* u jilbisu u b'hekk inaqqas ir-riskju għall-inkolumnità ta' persuntu. Għalhekk dak li jrid jiġi eżaminat huwa jekk dan kienx każ ta' *contributory negligence* tal-attur jew le. Hawnhekk qiegħed isir riferiment għall-insenjament ta' Lord Denning fis-sentenza fl-ismijiet **Froom *et vs*. Butcher** (1975):

> *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."***[25]

[25] Enfażi ta' din il-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alan Busuttil *et vs.* Raymond Farrugia**[26] ngħad b'riferiment għal awtur ieħor Ingliż:

> "Kif jgħid l-awtur **John M. Logan** fil-ktieb tiegħu *Briefcase of Tort Law 1995*, *"If as a result of his contributory negligence the plaintiff suffers greater injury than he otherwise would have sustained, then his entitlement to compensation should reflect that fact.""*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Kyle Saliba *vs.* John Borg *et***[27] ingħad:

> "Fil-każ **Froom *vs*. Butcher** (1976), Lord Denning osserva:-
>
> *"The question is not what was the cause of the accident. **It is rather what was the cause of the damage**. In most accidents on the road the bad driving which causes the accident also causes the ensuing damage. **But, in seatbelt cases, the cause of the accident is one thing. The cause of the damage is another**. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant and in part by the failure of the plaintiff to wear a seatbelt. If the plaintiff was to blame in not wearing a seatbelt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable"*. ...
>
> .... Ġjaladarba l-vettura nqalbet, l-attur ma kienx liebes *seatbelt* u wara li l-qorti qieset dak li xehed l-istess attur in kontroeżami, tikkonkludi li l-fatt li ma kienx liebes *seatbelt* ikkontribwixxa għal ġrieħi li sofra. Għalhekk f'dan il-każ il-qorti tqies li hemm element ta' negliġenza kontributorja għad-danni li sofra l-attur u ser tnaqqas 15% mid-danni li ser tillikwida."

F'każijiet fejn il-Qrati tagħna sabu li l-inċident kien tant vjolenti li n-nuqqas tas-*seatbelt* ma kienx jaffetwa d-danni, bħal pereżempju f'każ ta' mewt li kienet inevitabbli minħabba x-xorta ta' inċident kemm jekk l-attur kien liebes

[26] P.A., 04.10.2011.
[27] P.A., 23.10.2015.

is-*seatbelt* kemm jekk le, ma jitnaqqasx perċentwal mid-danni minħabba n-negliġenza kontributorja tal-attur li ma kienx liebes *seat belt*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Xerri *pro et noe vs.* Clint Xuereb *et***[28], ġie ritenut:

> "Jekk għall-grazzja tal-argument biss wieħed kellu jaċċetta t-teżi li l-vittma ma kinitx liebsa *seatbelt*, il-konvenut kellu jagħti prova li s-*seatbelt* kienet issalvalha ħajjitha. Meta tqies kemm kien inċident vjolenti hekk biss il-qorti tista' taċċetta t-teżi ta' negliġenza kontributorja. Prova simili ma saritx. Il-vettura waqgħet għoli ta' erba' metri."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Turner *et vs.* Francis Agius *et***[29] fejn jerġa' jsir riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Froom *vs.* Turner** u għall-prinċipju *volenti non fit injuria,* jingħad:

> "L-istess awtur jiċċita każ li deher quddiem il-Qorti tal-Appel Ingliż – *Queens Bench Division* (**Froom *vs.* Butcher** [1975] QB 286) fejn jgħid hekk:
>
> *"The Court of Appeal held that failure to wear a seat belt – not then a legal requirement – was contributory negligence. The question was, what was the cause of the accident? The damage was caused in part by the defendant's bad driving and in part by the failure of the plaintiff to wear a seat belt – a prudent precaution. Where damages would have been prevented the Court of Appeal thought damages should be reduced by 25%.""*

Kwantu għall-każ odjern, anki jekk mhux obbligatorju imma huwa rakkomandabbli li jintlibes *seatbelt* mill-passiġġieri fuq wara tal-vettura[30], il-

[28] P.A. (TE), 30.06.2015.
[29] Q.A., 28.11.2003.

Qorti tikkonstata li l-inċident, għalkemm ikkawża li l-*airbags* ta' quddiem joħorġu it-tnejn mal-impatt, ma kienx tant vjolenti li l-użu tas-*seatbelt* ma kienx jagħmel xi differenza. L-attur ma ġab ebda raġuni valida għaliex ma libisx is-*seatbelt* meta ġab l-iskuża li m'għamilx dan għax is-*seatbelt* kien wara s-*seat.* Tqis li l-feriti li ġarrab l-attur kienu ċertament ikunu ta' intensità inferjuri li kieku kien libes is-*seatbelt*. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi tal-każ tikkonkludi illi d-danni li għandhom jiġu likwidati favur l-attur għandhom jiġu mnaqsa b'50%.

*(ii) Damnum Emergens:*

Mill-provi prodotti jidher li danni sofferti mill-attur kif ġew ippruvati għas-sodisfazzjon tal-Qorti huma s-segwenti: (i) €7 għad-*dry cleaning* tal-ġakketta tal-attur li ċċappset bid-demm mal-ħabta u għall-prezz tal-istess ġakketta li ma setgħetx tidnaddaf, ta' €150; (ii) antibiotiċi €19.98 u *scar cream* €57.01; (iii) rapport tal-ispeċjalista Mr F. X. Darmanin u spejjeż tal-klinika: €55.

Għaldaqstant bħala ***damnum emergens*** l-attur kellu l-ispiża ta' €288.99, li minħabba li ser isir tnaqqis ta' 50% kif fuq ingħad, dan jiġi għal **€144.50.**

*(iii) Lucrum Cessans:*

Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ rapporti ta' speċjalisti mediċi fil-qasam tal-kirurġija plastika u r-rikostruzzjoni, fejn l-espert li ġie inkarigat mill-attur Mr

[30] Ibid., p. 41 – għar-rigward tas-*seats* ta' wara, is-*seatbelts "SHOULD be worn if fitted"*, filwaqt li għar-rigward tas-*seats* ta' quddiem, is-*seatbelts "MUST be worn if fitted"*

Francis Darmanin wasal għal perċentwali ta' diżabbilità ta' 7%, filwaqt li Mr Joseph E. Briffa li kien inkarigat mill-assigurazzjoni tal-vettura tal-konvenuta, wasal għal perċentwali ta' diżabbilità ta' 5%. Hija pjuttost sitwazzjoni problematika għall-Qorti meta tkun rinfaċċjata b'konklużjonijiet mediko-legali diverġenti li jkunu magħmulin minn speċjalisti li din il-Qorti m'għandhiex dubju dwar l-imparzjalità professjonali tagħhom u ċertament dawn ma kienu bl-ebda mod preġudikati favur min inkarigahom. Jista' jiġi argumentat li r-rapport tat-tieni kirurgu kien aktar reċenti bi ftit aktar minn erba' xhur u seta' jikkonstata s-sitwazzjoni xi ftit aħjar. Tqis però dan ir-raġunament ma jsegwix fil-każ odjern fejn iż-żewġ kirurgi qablu liema kienu l-isfreġji li ma setgħux jiġu ammeljorati bil-kirurġija u li huma permanenti. Din il-Qorti mhux ser tieħu l-aktar mod konvenjenti u faċli biex tirriżolvi l-kwistjoni billi tgħid li ser tieħu t-triq tan-nofs u tiddeċiedi fuq rata ta' diżabbilità ta' 6%. Wara li qieset b'mod akkurat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tenut kont tal-isfreġju prinċipali li sofra l-attur, dak evidenti ħafna fil-*"left eyebrow scar with hair loss"*, il-Qorti tqis illi għandha timxi fuq ir-rapport tal-kirurgu Mr. F. X. Darmanin u għalhekk tikkonkludi li l-attur sofra diżabbilità permanenti ta' **7%.**

Illi fi żmien fid-data tal-inċident 27 ta' Ottubru, 2012 meta l-attur sofra d-diżabbilità permanenti, huwa kellu madwar 20 sena.[31] L-introjtu tiegħu sakemm l-attur kien student jista' jiġi ikkalkulat fuq id-Dikjarazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* tiegħu tal-2012 fis-somma ta' €1,000 fis-sena u dan id-dħul għandu jiġi replikat għas-snin bejn l-2013 u l-2016. Fl-aħħar tas-sena 2016 jirriżulta li d-dħul tal-attur kien €2,000 fix-xahar.

[31] L-attur għandu l-karta tal-identità numru 89492M

Il-Qorti għalhekk ser tieħu d-dħul tal-attur għas-snin bejn l-2013 sal-2015 fis-somma ta' €1,000 fis-sena u għas-sena 2016 fis-somma ta' €1,000 + €2,000 x 4 għax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru, 2016[32], għal total ta' €12,000. Għas-snin 2017 'l quddiem, il-Qorti ser tieħu s-somma ta' €24,000 u ċjoè l-introjtu normali tal-attur ta' sena sħiħa l-aktar viċina ta' meta seħħ l-inċident inkwistjoni u meta l-attur beda jaħdem regolarment. Ma' dan ser iżżid is-somma ta' €6,000 biex tagħmel tajjeb bħala żieda għall-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*, tenut kont tal-fatt illi mill-provi in atti jirriżulta illi l-attur kien iggradwa B.A. (Hons) fil-*graphic design* u *interactive media.* B'hekk il-qligħ annwali ser jiġi kkomputat fl-ammont medju ta' €30,000. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ġiet issuġġerita somma ferm ogħla minnhekk. Tqis illi l-kalkolu li waslet għalih il-Qorti huwa aktar ġust u ekwu.

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perjodu mill-2017 'l quddiem ta' tmienja u tletin (38) sena, tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, wara li ġew ikkalkolati s-snin 2013 sa 2016 separatament, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ġie issuġġerit *multiplier* ta' 45 sena, u ċjoè sakemm l-attur jiġi biex jagħlaq is-sebgħin sena, u l-abbli avukat Dr Joseph A. Schembri ġustament iġib lilu innifsu bħala eżempju li ta' sebgħin sena għadu jaħdem attivament. Għad li l-Qorti hija ċertament konxja tat-*trends* demografiċi li mixja lejhom is-soċjetà tagħna bil-mod il-mod, però f'kawża bħalma hija din, il-Qorti trid timxi fuq il-medja attwali u mhux fuq l-eċċezzjonijiet, anki jekk kulma jmur dawn l-eċċezzjonijiet qegħdin jiżdiedu.

[32] *A fol.* 83 sa 86.

Il-komputazzjoni tad-danni futuri qiegħda ssir b'dan il-mod: (€12,000) + (€30,000 x 38) x 7% = €80,640. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20%. Għalhekk il-*lucrum cessans* tal-attur jammonta għal **€64,512**. Minħabba li l-attur qiegħed jitqies illi ikkontribwixxa bin-nuqqas tiegħu li ma jilbisx *seatbelt,* qed isir tnaqqis ta' 50% tad-danni likwidati u għalhekk is-somma dovuta lill-attur bħala *lucrum cessans* hija ta' **€32,256.**

B'kollox is-somma dovuta lill-attur bħala *damnum emergens* u bħala *lucrum cessans,* hija ta' **€32,400.50.**

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara liż-żewġ partijiet kontendenti ugwalment fi ħtija għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Ottubru, 2012 fi Triq tas-Saqqaja, ir-Rabat;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess inċident bi ħtija tal-konvenuta fis-somma ta' tnejn u tletin elf u erba' mitt Euro u ħamsin ċenteżmu (€32,400.50);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati fis-somma ta' tnejn u tletin elf u erbgħa mitt Euro u ħamsin ċenteżmu (€32,400.50);**

4. **Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta bl-imgħax jibda jiddekorri kontra l-konvenuta mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv.**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

Moqrija.